MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2013

Citazzjoni Numru. 343/2007

Emanuel Farrugia
vs
Arnold Farrugia

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**

Rat ir-rikors tar-rikorrent li bih espona:

1. F'Awissu ta' l-2005, ir-rikorrenti silef *brevi manu* lill-intimat is-somma ta' hmistax-il elf Lira (Lm15,000) kif jirrizulta mid-dokument anness mar-rikors ezebit u mmarkat bhala Dok. A.

2. Dan l-ammont kellu jintradd lura lir-rikorrent sas-sebgha u ghoxrin ta' Lulju, 2006 flimkien ma' l-imghax skond il-ligi fuq l-ammont misluf.

3. Il-konvenut intimat, sal-lum, ghadu ma hallasx, u dan minkejja li gie interpellat sabiex jirrestitwixxi s-somma fuq imsemmija, flimkien ma’ l-imghax kif suespost. Issa, l-intimat konvenut qed jallega li hu hallas dak kollu dovut fi flus kontanti u li ghal dan il-hlas ghandu x-xhieda.

4. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

5. Ir-rikorrenti jaf personalment b’dawn il-fatti kollha.

Ir-rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta’ hmistax-il elf Lira (Lm15,000) dovuta kif fuq intqal, u dan flimkien ma’ l-imghax dovut skond il-ligi.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 21 ta’ Frar, 2007, kontra l-intimat, li gie ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti ezebiti mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-intimat li biha espona:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra tieghu *stante* li kif jaf ben tajjeb ir-rikorrenti, l-ammont misluf minnu lill-intimat, flimkien mal-imghax dovut, gie mhallas lura lilu interament fi flus kontanti, anki fil-prezenza ta’ xhieda, u dan kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju, is-self kien null ghaliex ma sarx bil-kunsens u l-intervent ta’ mart l-intimat, Rose Farrugia, skond kif jiddisponi l-Artikolu 1322 (2) u 1322 (3) (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju, l-kawza hija improponibbli ghaliex bazata fuq kawza illecita, *stante* li kien hemm element ta’ uzura billi r-rikorrenti eziga hlas ta’

interessi oghla minn dawk permessi mil-ligi, u kien biss meta dawn ma thallsux li r-rikorrent fetah il-kawza odjerna.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti ezebiti mill-intimat.

**C. PROVI:**

Gie prezentat affidavit ta' Emanuel Farrugia fejn issemma li ghal xi nofs is-sena 2005 avvicinah Arnold Farrugia u qallu li kellu bzonn Lm15,000 ghall-kumpanija tieghu biex jixtri xi trailers. Hu tahomlu u ghamlu kitba tat-18 ta' Awissu, 2005. Izda sad-data li kienu ftiehmu li jhallsu hu ma kien tah xejn mill-flus li kien silfu. Diversi drabi qallu biex ihallas izda l-intimat dejjem gab xi skuza. Semma wkoll li darba kien hadu biex jara xi plots l-Imqabba u f'okkazjoni ohra kien hadu Bugibba u urieh *flat* u qallu li biex jaghtihulu kellu jzidu mas-somma li kien silfu. Kien qallu li ma jghoddx ghalih. F'dik l-okkazjoni kellu mieghi lil certu Maurizio Micallef li dahal mieghu ukoll fl-imsemmi *flat*.

Semma okkazjoni ohra meta kien hemm Pawlu Abela u qallu biex jissaportih ftit iehor ghax kien biegh *garage* il-Handaq imma kien ghadu fuq konvenju u kellu Lm11,000 depozitu. Meta baqa' sejjer hekk cempillu u qallu li xaba jistenna, izda r-rejazzjoni ta' l-intimat kienet li qieghed jheddu u ser jirrappurtah l-ghassa tal-pulizija. Infatti ftit wara cemplulu mill-ghassa ta' Bugibba u qalulu biex imur s'hemm u sab lill-intimat l-ghassa li beda jallega li l-attur ried jaghtih bis-sikkina. Semma incident iehor f'Haz-Zebbug.

Semma li meta Arnold kien inqabad bid-droga mill-pulizija u tressaq il-Qorti, hu ma setax isiefer u mpjega ruhu ma' dan it-Tlata li kien bil-barriera. Hemmhekk iddecieda li mhux ser jiehu l-flus lura u ipproceda legalment kontra l-intimat.

In kontro-ezami r-rikorrent semma li l-flus kien tahomlu kollha *cash* u tah Lm15,000. Semma li l-arrangament kien li wara 6 xhur kellu jaghtih il-flus lura kollha. L-interessi kellhom jigu kkalkulati bit-8%. Sostna li kellu jaghtih lura Lm15,000 bit-8% interessi. Semma li mhux spiss isellef il-flus. Cahad li hedded lil Arnold. Semma li kull darba li kien jistqsi ghall-flus l-intimat jitlaq malajt ghall-ghassa.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Carmelo Penza</u> li semma li darba minnhom waqt li Pawlu Falzon kien qieghed il-*plant* tieghu, waqa' l-kliem fuq il-haddiema u Falzon semmielu lill-intimat li qallu li kien inkwetat ghax kellu jaghti xi flus, u minghalih Lm15,000 lil Leli Farrugia, ic-Capuwa. Leli Farrugia kien qallu f'xi okkazjoni ohra dwar dan id-dejn.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Pawlu Abela</u> li semma li ilu hafna habib ta' Emanuel Farrugia li joqghod Hal-Safi. Jiftakar li Leli kien qallu li kien silef xi flus lil certu Arnold u qed jipprova jiehu flusu lura ghax gieli cempel lil Arnold fuq hekk, quddiemu. Darba minnhom f'Tal-Balal sema' lil Arnold jghid lil Leli "fit-12 tax-xahar se ndahhal il-flus tal-*garage* u natihomlok." Qallu li anke jekk ma jiehdux il-*garage* kellu depozitu ta' Lm11,000 u kien se jaghtihomlu.

Xi gimgha wara, meta Leli kien cempel lil Arnold hafna drabi quddiemu u l-iehor ma kienx jirrispondi, marru jistennewh hdej ir-*roundabout* ta' Haz-Zebbug u Leli ghamel sinjal lil Arnold biex jieqaf, izda Arnold ghafas il-gass tal-karozza u baqa' sejjer. Wara xi nofs siegha l-pulizija ta' Haz-Zebbug cemplu lil Leli biex imur l-ghassa u hu mar mieghu.

Gie prezentat affidavit ta' <u>Walter Zammit</u>, li semma li jaf lill-intimat u li ghal xi zmien it-tnejn li huma kienu jahdmu bhala xufiera tat-*taxi*. Ftakar li ghal bidu ta' l-2006 f'okkazjoni minnhom meta kienu qieghedin l-airport jistennew xi nies u kien fadal siegha, Arnold kien qallu li kellu jmur malajr sal-Imqabba biex ihallas xi flus lil wiehed tal-Barriera u kien tela' fil-karozza mieghu. Kien hemm Lm3,000. Marru flimkien u hin minnhom waqfu u sema lil

Arnold jghajjat lil certi Leli u tah il-borza tal-flus u l-iehor ghaddhom.

Gie pprezentat affidavit ta' Paul Falzon, fejn semma li hu ilu jaf lill-intimat ghal dawn l-ahhar sitt snin. Zied li fl-2005 lil Arnold kont irrangalu biex jikri *bar* vicin ta' fejn kellu l-hanut tieghu gewwa San Pawl il-Bahar, u b'hekk kienu jiltaqghu kwazi kulljum. Semma li fis-sajf tas-sena 2006, Arnold kien qallu li l-attur kien mar fil-*bar* tieghu u beda jhedded lil mara ta' Arnold, jisimha Rose u kien mar l-ghassa tal-Qawra biex jaghmel rapport. Arnold kien qallu wkoll li kien fadallu jaghti l-ammont ta' ghaxart elf u hames mitt Lira (Lm10,500) li dan Leli. Semma li kien offra lill-intimat li jsellfu hu halli jhallas lill-attur. Qal li kienu kitbu karta bejniethom fir-rigward ta' dan is-self, u wara Arnold kien cempel lil Leli sabiex jigi l-hanut tieghu halli jhallsu kollox. Qal li jiftakar li wara xi nofs siegha dan Leli kien wasal quddiem il-hanut go *van Izusu Blue*. Kien ghaddielu l-flus u l-iehor ghaddhom, u qabad ha l-flus, qam u hareg mill-hanut u rikeb il-*van* tieghu. Ftakar li Arnold kien talbu l-karta li kien iffirma fejn kien sellef il-flus minghand Leli, peress illi issa kien hallas kull ma kien dovut, izda Leli kien qallu li Arnold kien baqalu jhallas l-ammont ta' Lm3,500 peress illi kien ittardja bil-hlasijiet lura. Semma li "sa llum Arnold diga' hallasni s-somma ta' Lm5,500 u cioe` Euro12,810."

Gie prezentat affidavit ta' Rose Farrugia mart l-intimat li semmiet li darba xi sentejn ilu, waqt illi kienet qed tahdem fir-*restaurant* taghhom gewwa San Pawl il-Bahar, isservi xi turisti, f'daqqa wahda dahal Leli fir-*restaurant* u beda jghajjat u jidghi kemm jiflah u jsaqsi ghar-ragel taghha. Talabha tatieh il-flus izda ma kinitx taf xi flus huma. Kien vjolenti u aggressiv. It-turisti li kien hemm dak il-hin bdew jippruvaw jikkalmawha meta rawha tibki. Wara li qalet lir-ragel dan mar l-Ghassa tal-Qawra sabiex jaghmel rapport kontra Leli dwar dak li kien gara.

Gie pprezentat affidavit ta' Andrew Ciappara, iz-ziju tal-konvenut Arnold Farrugia li semma li lill-attur ma jafux personalment u rah f'okkazjoni wahda biss. Mar sar-*restaurant* ta' l-intimat u meta kien qed jitkellem mal-mara

ta' Arnold dahal ragel gor-*restaurant* u beda jghajjar u jitkellem hazin kemm jiflah. Huwa beda jsaqsi ghal Arnold, li dak il-hin ma kienx hemm. Semma li kien hemm xi turisti jieklu u li r-rikorrent beda jhedded lil mart l-intimat u biex taghlaq il-hanut ghaliex kien ser jerga' jigi lura u jahraq kull m'hemm. Rose twerwret.

Gie prezentat affidavit ta' Emanuel Farrugia, missier l-intimat Arnold Farrugia li semma li darba minnhom mar-rikorrent fuqu meta kien ghadu kif hiereg mill-Knisja tal-Hal-Luqa f'xi 6.30 p.m., waqaf bil-*van* u qallu li ibnu Arnold kellu jaghtih xi flus. Semma li ghalkemm hu qallu li fuq dawn l-affarijiet ikellem lil ibnu direttament, ir-rikorrent ippretenda l-flus minghandu u qalli li jekk ma jhallasx ma kienx ser igawdi lil ibnu. Meta hallu biex ihallih bil-kwiet ghax jaghmillu rapport l-ghassa, Leli qallu li ma jibzax mill-Pulizija u li kien ser jispicca hazin.

Gie prezentat affidavit ta' Mario Farrugia, hu l-intimat, u semma li xi tlieta, erba' darbiet ra lil huh jghaddi flus lir-rikorrent. Darba minnhom huh qallu li ser jaghti Lm500 lil Leli u li kien ser jiehu l-flus mill-kexxun ghax ma kellux flus fuqu.

Gie prezentat affidavit ta' l-intimat Arnold Farrugia fejn semma li hu kien jaf lir-rikorrent. Semma li darba fis-sajf ta' l-2005 kien qallu li qed jipprova jixtri xi ingenji minn barra, izda ma kellux flus bizzejjed u li kellu bzonn Lm13,000. Kellu jixtri l-ingenji u meta jbieghhom kellu jhallsu lura l-ammont misluf flimkien ma' elf lira ohra (Lm1,000) *extra.*

Xi ftit ta' zmien wara nqalghulu problemi finanzjarji u anke kellu Mandat ta' Sekwestru. Kien spjega lir-rikorrent li kellu dawn il-problemi u wara ftit ir-rikorrent gablu tip ta' skrittura u qallu li din kien ippreparahielu l-avukat. Sussegwentement beda jaghmel xi xoghol bit-*taxi* u kien hallas lir-rikorrent l-ewwel ammont ta' Lm3,000 flus kontanti. Dakinhar kellu mieghu lil Walter Zammit. Ftit wara kera '*bar and restaurant*' gewwa Bugibba. Ukoll huh Mario kien kera kjosk fil-pjazza ta' Bugibba u hu xi drabi filghaxija kien imur jghinu. Ir-rikorrenti kien imur ifittxu u fi

tlett okkazzjonijiet separati kien tah Lm500, Lm1,000 u Lm1,000 ohra. Kien staqsa lir-rikorrent biex jaghtih ricevuta ta’ l-Lm5,500 u dan irrispondieh li ser igibha mieghu meta jergghu jiltaqghu.

Semma li r-rikorrent ried il-bqija tal-flus u kien beda minn zmien ghal zmien jheddu u anke qallu “ftakar f’martek u wliedek”. Darba minnhom martu qaltlu li kien mar ir-*restaurant* jheddidha. Semma li r-rikorrent diversi drabi ohra cempillu u heddu u hu kien imur l-eqreb ghassa.

Kien kellem habib tieghu Pawlu Falzon u qallu bil-problema, u dan qallu li seta’ jisilfu flus fi zmien qasir peress li kien fuq konvenju biex ibiegh hanut tieghu. Ghamel kuntatt ma’ Leli biex jghidlu li kien ser ihallsu lura l-kumplament tal-flus li kien fadallu jhallsu. Pawlu Falzon kien silfu Lm10,500 u ghamlu skrittura u wara cempel lil Leli biex imur il-hanut tieghu halli jhallsu. Zied li Leli kien mar ghall-flus, ghaddhom quddiem Pawlu Falzon u qabad u hareg ’il barra. Hu hareg warajh jitolbu ricevuta u l-iskrittura originali izda r-rikorrent beda jidghi u jkellmu hazin. Qallu lu baqaghlu jaghtih Lm3,500 ghax kien qabez iz-zmien miftiehem biex ihallas lura. Wara xi zmien Leli kien rega’ beda jcempillu biex ihallsu dawn it-Lm3,500, u rega’ beda jheddu. Wara rega’ talbu l-Lm15,000.

In kontro-ezami, l-intimat <u>Arnold Farrugia</u>, xehed li dwar Dok A a fol 4 fil-process li l-firma fuqu hija l-firma tieghu. Sostna li l-flus biex ihallas lura lil Leli gabhom mix-xoghol tieghi mill-gabbana u mir-*restaurant* u fl-ahhar zewg okkazzjonijiet, Lm500 u Lm500 tahomlu huh. Sostna li kien ghadda lir-rikorrent Lm16,000 u cioe` Lm15,000 oltre Lm1,000 fuqhom li kienu ftiehmu hekk.

Cahad li kien ser ibigh garaxx u kellu depozitu ta’ Lm11,000.

Xehed l-i<u>Spettur Robert Vella</u> u esebixxa kopji ta’ rapporti.

Xehedu wkoll l-i<u>Spettur Tony Cachia</u> u <u>PS Fabian Caruana</u> dwar rapporti ohra.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**
Illi r-rikorrent sostna li hu kien sellef brevi manu lill-intimat Lm15,000 u gab anke l-prova ta' dan permezz ta' l-iskrittura tat-18 ta' Awissu, 2005. Din l-iskrittura ssemmi specifikament is-somma u li din is-somma trid tirhallas sa Lulju, 2006 kif ukoll inkluzi interesssi miftiehma, izda ma hemmx specifikat x'inhuma dawn l-interessi li allegatament sar ftehim fuqhom. L-intimat ma jikkontestax li dan l-ammont kien gie misluf lilu, izda jikkontendi li ghamel hlasijiet lura ta' Lm3,000, Lm1,000, Lm1,000, Lm500 u Lm10,500. Dwar l-imghax ir-rikorrent jaghmel referena ghall-iskrittura fejn jinghad "kif ukoll inkluzi interessi miftiehma". L-intimat min-naha tieghu jsostni li kellu jghaddi s-somma fissa ta' Lm1,000 bhala imghax.

Din ghalhekk hi bazata mhux tant fuq eccezzjonijiet ta' natura legali izda aktar fuq kredibilita` tal-partijiet jew min minnhom. Huwa veru li huma tellghu diversi nies bhala xhieda, izda li hafna minnhom huma hbieb jew ta' wiehed jew ta' l-iehor. Il-Qorti hi konvinta mill-hlas lura ta' l-ammonti ta' Lm3,000, Lm1,000, Lm1,000 u l-Lm500, izda mhux konvinta dwar il-pagament ta' l-Lm10,500 ghax certament li wiehed jista' jimmagina sitwazzjoni fejn persuna ma tinsistix fuq ricevuta fuq l-ammonti hawn imsemmija specjalment meta jkolha certu biza fizikament mir-rikorrent jew biza li r-rikorrent jistaqsi ghall-ammont totali, izda ma tistax temmen li jinghataw Lm10,500 wara tant ilmenti u litigar u wiehed ma jinsistix ghal ricevuta. Dak li qal l-intimat li r-rikorrent qabad u telaq 'il barra minghajr ma accetta li jaghti ricevuta mhix kredibbli.

Ghalhekk din il-Qorti tikkonkludi li ghad hemm dovut mill-intimat lir-rikorrent l-ammont ta' Lm10,500 ossija €24,458.42.

Dwar it-tieni eccezzjoni bazata fuq l-artikoli 1322(2) u (3) tal-Kap 16 is-self ta' flus barra minn depozitu ta' flus f'kont f'bank huma definiti bhala atti ta' amministrazzjoni straordinarja a tenur tal-Kap 16 art 1322 (3)(f) u s-subartikolu (2) jsemmi li l-jedd li jitwettqu atti ta'

amministrazzjoni straordinarja jmissu liz-zewg mizzewgin flimkien. Izda dan ma jirrendix is-self null izda se mai annullabbli. Jizdied ukoll ma' dan il-fatt li ma saret ebda prova dwar il-kunsens u l-intervent ta' mart l-eccipjenti u ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' din l-eccezzjoni ta' l-intimat meta l-intimat ma pproceda bl-ebda mod ghan-nullita` tas-self. Infatti l-ewwel eccezzjoni ta' l-istess intimat mhix fis-sens tan-nullita` ta' l-att izda fuq il-validita` tas-self tant li eccepixxa l-pagament lura u ghalhekk ma jistax wara li jaccetta l-validita` ta' l-istess self jeccepixxi n-nullita` tieghu.

It-tielet eccezzjoni ta' l-intimat hi bazata li l-proceduri stess huma bazati fuq kawza illecita *stante* li kien hemm element ta' uzura minhabba li r-rikorrent eziga hlas ta' interessi oghla minn dawk permessi mil-ligi. Izda dwar dan ma saru ebda provi dwar l-allegata uzura, il-Lm15,000 li ddikjara mislufin ir-rikorrent mhux kontestati mill-intimat u l-Qorti certament mhux sejra tghaddi imghax li mhux dovut. Infatti peress li s-somma qed tigi likwidata llum, l-imghax jiddekorri mil-lum u ghalhekk certament li ma hemmx l-element ta' uzura, u tichad din l-eccezzjoni wkoll.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Wara li cahdet l-eccezzjonijiet ta' l-intimat kif inghad hawn fuq, il-Qorti tiddkjara li l-intimat ghandu jaghti lill-attur Lm10,500 ossija €24,458.42 u tikkundannah ihallas din is-somma bl-imghax skond il-ligi mil-lum.

Spejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------